C/2025/2772

16.5.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-12 ta' Mejju 2025

## li taħtar 11-il membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)

(C/2025/2772)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 79 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 79 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jipprevedi li l-Kunsill għandu jaħtar rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru bħala membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (il-"Bord ta' Tmexxija").

(2) Il-Membri tal-Bord ta' Tmexxija għandhom jinħatru abbażi tal-esperjenza u l-kompetenza esperta rilevanti tagħhom fl-oqsma tas-sigurtà kimika jew ir-regolamentazzjoni ta' sustanzi kimiċi, u abbażi li fost il-membri tal-bord hemm disponibbli l-kompetenza esperta rilevanti fl-oqsma ta' affarijiet ġenerali, finanzjarji u legali.

(3) It-tul ta' żmien tal-mandat huwa ta' erba' snin u jista' jiġġedded darba.

(4) B'Deċiżjoni tas-6 ta' Mejju 2021 il-Kunsill ħatar 12-il Membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi [2].

(5) Il-membri tal-Bord ta' Tmexxija nnominati miċ-Ċekja, l-Estonja, Spanja, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, in-Netherlands, l-Awstrija, is-Slovenja, il-Finlandja, u l-Iżvezja nħatru għal perjodu ta' erba' snin li jintemm fil-31 ta' Mejju 2025.

(6) Il-Kunsill irċieva n-nomini mill-Istati Membri kkonċernati,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-persuni li ġejjin għandhom jinħatru Membri tal-Bord ta' Tmexxija għat-tieni mandat, mill-1 ta' Ġunju 2025 sal-31 ta' Mejju 2029:

— Sur Per ÄNGQUIST, l-Iżvezja;

— Dr Szilvia DEIM, l-Ungerija;

— Sur Jérôme FAÉ, il-Lussemburgu;

— Sur Kees HOPPENER, in-Netherlands;

— Dr Pasqualino ROSSI, l-Italja.

*Artikolu 2*

Il-persuni li ġejjin għandhom jinħatru Membri tal-Bord ta' Tmexxija għall-ewwel mandat, mill-1 ta' Ġunju 2025 sal-31 ta' Mejju 2029:

— Sa Simona FAJFAR, is-Slovenja;

[1] ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj.
[2] ĠU C 185, 12.05.2021, p. 4.

— Sa Olivia FALB-NADERER, l-Awstrija;

— Sa Mari-Anne HÄRMA, l-Estonja;

— Sa Almudena OVEJAS ZAPATA, Spanja;

— Sa Hinni Maria PAPPONEN, il-Finlandja;

— Sa Michaela VYTOPILOVÁ, iċ-Ċekja.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Mejju 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. NOWACKA